**7 ta' Novembru, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Mikele Calleja

*versus*

Emanuela Cassar u Anthony Cassar għal kull interess li jista' jkollu

## Azzjoni Possessorja tal-Manutenzjoni

*Sabiex din l-azzjoni tirnexxi jeħtieġ li jirrikorru erba' elementi:*

*(a) l-azzjoni tirrigwarda oġġett immobbli jew universalità ta' ħwejjeġ mobili;*

*(b) l-attur jinsab fil-pussess ta' liema xorta jkun tal-ħaġa;*

*(ċ) li jkun ġie mmolestat f'dan il-pussess;*

*(d) li l-azzjoni tkun ġiet eżerċitata fi żmien sena mill-molestija.*

*Inoltre l-pussess irid ikun fis-sens tad-definizzjoni mogħtija mill-artikolu 524 tal-Kodiċi Ċivili. Huwa għalhekk jekk il-pussess ikunx leġittimu jew illeġittimu, in buona fede jew u in mala fede u jekk ikollux bħala oġġett id-detenzjoni tal-ħaġa korporali tkun animo domini. Il-molestija tista' tikkonsisti fi kwalunkwe att ġuridiku jew fatt materjali li jimplika pretensjoni kuntrarja għall-pussess ta' ħaddieħor*

*Il-Qorti:* -

Is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Mejju, 1991, li minnha sar l-appell preżenti taqra hekk:

"Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ġew premessi dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, ippremetta illi l-attur u l-konvenuta Emmanuela Cassar huma l-pussessuri ta' żewġ porzjonijiet t'art diviżi fil-klawsura msejħa tax-Xlejli limiti tal-Gudja;

*U illi* l-attur *kellu* pussess *ta'* aċċess *għall-għalqa* posseduta minnu minn fuq l-art ta' ħaddieħor u minn fuq l-art li fis-sajf ta' l-1978 il-konvenuti għamlu pedamenti għall-bini ta' kmamar liema pedamenti ostakolaw l-imsemmi passaġġ li kien ilu fil-pussess ta' l-attur f'dawn l-aħħar erbgħin sena u aktar;

Illi l-konvenuti avolja interpallati sabiex ineħħu dan l-ostakolu u jerġgħu jqiegħdu l-passaġġ fl-istat pristinu tiegħu iżda naqsu li jagħmlu dan;

Talab li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti sabiex ma jibqgħux jimmolestaw *lill*-attur fil-pussess ta' *l*-imsemmi dritt ta' passaġġ u sabiex jagħmlu dak li hu neċessarju sabiex dan il-passaġġ jerġa' jitqiegħed fl-istat oriġinali tiegħu li fih kien sas-sajf tas-Sena 1978;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet li biha l-konvenuti eċċepew:

Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-attur qatt ma kellu l-pussess ta' aċċess minn fuq art tal-konvenuti u meta l-attur għadda minn fuq art tal-konvenuti dan dejjem għamlu bil-*bona gratia* ta' l-istess konvenuti u ta' l-awturi tagħhom;

*Omissis;*

Rat id-deposizzjoni mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fil-25 ta' Settembru 1989 mill-A.I.C. Joseph Huntingford li xehed:

"Ngħid illi b'riferenza għad-domanda li għamilli d-difensur tal-konvenuti u ċjoè kif jiena norbot il-paragrafu 45 tar-Rapport tiegħi mal-konklużjonijiet tiegħi ngħid li l-attur kellu d-dritt li jgħaddi bir-riġel u biż-żiemel minn fuq il-'*quarta porzione*' ";

Rat ukoll id-deposizzjoni mogħtija mill-A.I.C. Joseph Huntingford fit-13 ta' Ġunju 1990;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża u senjatament in-Nota t'Osservazzjonijiet tal-kontendenti ppreżentati rispettivament, fid-19 ta' Novembru 1990, ta' l-attur u fl-4 ta' April 1991 dik tal-konvenuti;

Ittrattat;

Ikkunsidrat:

Illi l-azzjoni odjerna hija dik possessorja msejħa ta' manutenzjoni kkontempolata mill-artikolu 534 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi li: "Kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema

*xorta jkun, ta' ħaġa immobbli, jew ta' universalità ta' ħwejjeġ* mobbli, jiġi mmolestat f'dak il-pussess, jista', fi żmien sena mill-molestija, jitlob li jinżamm f'dak il-pussess, basta li ma jkunx ħa b'idejh dak il-pussess mingħand il-konvenut bi vjolenza jew bil-moħbi, jew ma jkunx kiseb mingħandu dak il-pussess b'titolu prekarju''. L-azzjoni l-oħra possessorja ta' spoll privileġġjat ikkontemplat mill-artikolu 535 hija eskluża bil-fatt li kif jirriżulta mill-premessi stess kienu għaddew ix-xahrejn billi fiċ-ċitazzjoni stess jingħad li l-molestija ġrat fis-sajf tas-sena 1978 u ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fit-22 ta' Frar 1979;

*Jirriżulta li qabel il-kawża odjerna l-attur kien esperixxa* kawża oħra fuq l-istess mogħdija quddiem din il-Qorti (Ċitazzjoni Numru 1206/78) fl-ismijiet ''Michele Calleja *vs* Anthony Cassar'' li ġiet ċeduta fl-20 ta' Frar 1979, biex l-attur jidderiġi ruħu aħjar. Id-differenza bejn iż-żewġ kawżi hija li kif ġà spjegat fuq, l-azzjoni odjerna hija possessorja, l-oħra kienet ta' natura petitorja u fiha l-attur kien ibbaża l-pretensjoni tiegħu fuq il-kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Francesco Farrugia tat-8 ta' Diċembru 1932;

Jirriżulta wkoll li l-attur huwa proprejtarju tat-tieni (2) *porzjoni filwaqt li l-konvenuta Emanuela Cassar hija proprjetarja* tat-tielet (3) porzjoni msemmija fl-att ta' diviżjoni fuq iċċitat;

Jirriżulta wkoll li skond l-istess diviżjoni l-porzjoni ta' l-attur tgawdi servitù fuq ir-raba' (4) porzjoni li m'hix proprjetà tal-konvenuta u a tenur ta' l-istess kuntratt l-art ta' l-attur ma tgawdix servitù ta' mogħdija fuq it-tielet (3) porzjoni tal-konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi hija ma tarax x'rilevanza għandha s-sottomissjoni tal-konvenuti li l-attur biddel il-kawżali tiegħu fil-kawża odjerna. Fil-fehma tal-Qorti l-attur kellu kull dritt jagħmel dan għax l-iskop li ċeda l-ewwel kawża biex istitwixxa din il-kawża kien proprju biex jagħżel triq oħra, għax kieku lanqas jagħmel sens li jċedi kawża biex jistitwixxi oħra identika għaliha. Iżda kienet x'kienet ir-raġuni li għaliha ċeda l-ewwel kawża, setgħet kienet li, per eżempju, il-konvenut f'dik il-kawża ma kienx il-leġittimu kontradittur, l-ewwel kawża li ġiet ċeduta ma hix ostakolu għal dik odjerna bis-sempliċi fatti li l-oħra kellha kawżali differenti;

Ikkunsidrat:

Illi l-eċċezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens li l-attur qatt ma kellu l-pussess ta' aċċess minn fuq l-art tal-konvenuti u meta l-attur għadda minn fuq art tal-konvenuti dan dejjem għamlu bil-*buona grazia* ta' l-istess konvenuti u ta' l-awturi tagħhom;

Dan fil-fehma tal-Qorti jfisser li l-konvenuti qegħdin jeċċepixxu li l-attur m'għandux pussess għax il-pussess ma jistax ikun fondat fuq mera tolleranza. Di fatti dan hu dottrinalment korrett billi l-liġi stess a tenur ta' l-artikolu 526 tal-Kodiċi Ċivili tiddisponi li:

"Dawk l-atti li huma biss fakultattivi jew li jitħallew li jsiru biss bil-*buona* grazzja ma jistgħux jiswew ta' bażi għal ksib tal-pussess";

Għad-differenza ta' l-azzjoni ta' spoll privileġġjat, li tista' tiġi esperita anke mis-sempliċi detentur, l-azzjoni ta' manutenzjoni tista' tiġi esperita biss minn pussessur, anke jekk il-pussess ikun illeġittimu jew *in mala fede*, basta li jkun veru

pussess, jiġifieri, godiment "*animo domini*" u għalhekk, jekk il-godiment ikun ibbażat fuq tolleranza, ma jkunx jeżisti l-pussess li hu rekwiżit essenzjali ta' l-azzjoni ta' manutenzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta mill-eċċezzjoni stess kif ukoll abbondatement mill-provi rakkolti li l-attur ma ħax b'idejh il-pussess mingħand il-konvenuti bi vjolenza jew klandestinament jew b'titolu prekarju. L-eċċezzjoni hija li l-attur ma għandux pussess għax it-tolleranza ma twassalx għall-pussess. Però, mill-istess eċċezzjoni, u mill-provi rakkolti, jirriżulta ampjament li l-passaġġ ilu jeżisti mid-data tal-kuntratt ta' diviżjoni fuq iċċitat tat-8 ta' Diċembru 1932. Jibqa' biss li jiġi eżaminat jekk il-konvenuti rnexxilhomx jippruvaw li l-aċċess minn fuq l-għalqa tagħhom kien att ta' tolleranza. Kif jgħallem il-*Baudry* (Vol. XXVIII, para. 285) "*la questione se gli atti sono stati fatti o meno a titolo di tolleranza è particolarmente delicata quando si tratti della prescrizione acquisitiva della proprietà o della comproprietà di una via. È noto che a differenza della servitù di passaggio la proprietà o la comproprietà di una via si può acquistare per prescrizione. Ma occorre che gli atti di passaggio non siano stati il risultato della semplice tolleranza. L'estenzione e la generalità della tolleranza non ne distruggono il carattere; basta perchè la prescrizione sia impossibile, che fosse necessario il gradimento del proprietario. Così l'esistenza di una cancellata anche se sempre aperta, è un indice che il passaggio non si esercitava che a titolo di tolleranza*";

Għalkemm l-attur iċċitat qed jikkummenta f'materja ta' użukapjoni però l-Qorti tħoss li l-istess prinċipju għandu japplika fis-sens li l-konvenuti jridu jippruvaw li kien hemm xi ħaġa min-

naħa tagħhom u ta' l-awturi tagħhom li tindika li l-aċċess mogħti kien biss riżultat ta' tolleranza. Fil-fehma tal-Qorti mill-kumpless tal-provi t-tolleranza ma ġietx ippruvata sodisfaċentement, anzi jidher li l-partijiet involuti fid-diviżjoni kienu bl-impressjonii li s-servitù kienet pattwita fil-kuntratt u għalhekk hija iżjed attendibbli l-verżjoni tax-xhieda li qalu li min-naħa tal-konvenuti u l-awturi tagħhom l-atteġġjament kien li l-passaġġ kien bi dritt u mhux b'sempliċi tolleranza. In fatti, l-attur ibbaża l-kawża l-oħra, ċeduta proprju fuq il-kuntratt ta' diviżjoni;

Għal dawn il-motivi, billi l-molestija tirriżulta ppruvata, u billi l-pussess ta' l-attur huwa dak volut mil-liġi, tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attriċi u għall-finijiet tat-tieni talba tipprefiġġi lill-konvenuti terminu perentorju ta' xahrejn biex jagħmlu dak li hu neċessarju sabiex il-passaġġ imsemmi fiċ-ċitazzjoni jerġa' jitqiegħed fl-istat oriġinali tiegħu li kien sas-sajf tas-sena 1978. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti";

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti u l-petizzjoni ta' l-appell tagħhom li permezz tagħha talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħhom u tiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-appellanti għandhom is-sottomissjonijiet li ġejjin in sostenn ta' l-appell tagħhom:

a) Għalkemm jista' jkun li dan il-passaġġ kien jeżisti meta sar il-kuntratt tad-diviżjoni, il-konklużjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qoreti tmur espressament kontra dak li hemm miktub fil-kuntratt tad-diviżjoni. Effettivament, il-kuntratt tad-diviżjoni huwa ċar biżżejjed biex jindika minn liema porzjonijiet fid-diviżjoni kellu jgawdi servitù ta' passaġġ fuq porzjonijiet oħra u min mill-porzjonijiet fid-diviżjoni kellu jbati servitù ta' passaġġ favur porzjonijiet oħra;

b) L-attur u xi xhieda oħra li hu pproduċa riedu jagħtu l-impressjoni li l-passaġġ in kwistjoni kien l-uniku passaġġ minn fejn l-attur u l-awturi tiegħu setgħu jgħaddu għal ġo l-għalqa ta' l-attur. Dan mhux korrett u din it-teżi hi kontradetta kemm mill-istess kuntratt ta' diviżjoni li jistipula minn fejn kellhom dritt li jgħaddu l-proprjetarji tat-tieni porzjoni u mill-fatt li dan il-passaġġ hu biss ta' madwar żewġ piedi u nofs meta l-kuntratt ta' diviżjoni jaħseb għal drittijiet ferm akbar minn daqshekk;

ċ) L-ewwel Onorabbli Qorti waslet għal konklużjoni billi għamlet analoġija ma' dak li jgħallem il-*Baudry* dwar l-użukapjoni, ċjoè, illi l-konvenuti għandhom jippruvaw li kien hemm xi ħaġa min-naħa tagħhom u ta' l-awturi tagħhom li tindika li l-aċċess mogħti kien biss riżultat ta' tolleranza;

d) Kemm il-kuntratt ta' diviżjoni kif ukoll ix-xhieda prodotti f'din il-kawża jaqblu li fejn hemm il-passaġġ in kwistjoni hu ta' proprjetà ta' l-appellanti. Barra minn dan ma jistax jingħad li ġie ppruvat li huma jew l-awturi tagħhom taw xi dritt ta' aċċess lill-attur. F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk, sta għall-

attur li jipprova li hu akkwista xi dritt u mhux li huma għandhom jippruvaw li l-aċċess li seta' kellu l-attur kien wieħed ta' mera tolleranza;

e) L-attur qed jibbaża l-kawża tiegħu fuq sempliċi pussess ta' aċċess. Kif hu sar pussessur leġittimu ta' dan l-aċċess ma jgħidx. Għalhekk huwa għall-attur li jipprova li hu pussessur fid-dritt ta' dan l-aċċess, li fil-verità lill-attur ma jiswielu xejn, aktar u aktar illum peress li fejn kien hemm il-passaġġ ġie mibni fuq iż-żewġ naħat tiegħu;

f) Għalkemm il-passaġġ ilu magħluq sa mis-sajf ta' l-1978, l-attur xorta waħda baqa' jidħol fl-għalqa tiegħu. F'dan ir-rigward, għalhekk, kienet żbaljata l-konklużjoni ta' l-AIC Joseph Huntingford fir-rapport tiegħu u liema konklużjoni l-istess Qorti skartat;

g) Fis-sentenza tagħha l-ewwel Onorabbli Qorti rrimarkat li ma tħossx x'rilevanza għandha s-sottomissjoni tal-konvenuti li l-attur biddel il-kawżali fil-kawża odjerna wara li fiċ-ċitazzjoni fil-kawża Mikele Calleja vs Anthony Cassar (Ċitaz. Nru. 1206/78) u li ġiet ċeduta fl-20 ta' Frar, 1979 biex l-attur jidderiġi ruħu aħjar. Skond l-appellanti r-rilevanza ta' dik il-kawża hi illi skond dak li hemm fl-ewwel kawża, l-attur kien qed jibbaża l-pretensjoni tiegħu fuq dak li hemm fil-kuntratt ta' diviżjoni tat-8 ta' Frar, 1932, għax mingħalih li dak il-kuntratt kien jagħtih xi dritt fuq proprjetà tagħhom. Meta l-attur irrealizza li dak il-kuntratt ma jagħtihx drittijiet kif kien qed jippretendi li seta' kellu, allura pprova jibbaża l-pretensjoni tiegħu fuq pussess ta' aċċess – ħaġa illi effettivament la hu u lanqas l-awturi tiegħu qatt ma kellhom. Għax għalkemm missier il-konvenuti, li ma kellu xejn minn din il-proprjetà peress li din il-proprjetà kienet

parafernali ma' martu, kien bi *buona* grazzja tħallh jgħaddi, b'dan li l-attur la sar pussessur wisq anqas proprjetarju ta' l-istess passaġġ li effettivament kien iservi għall-konvenuti u l-awturi tagħhom biex minn ġo fih jgħaddu ġol-kamra li kellhom tmiss miegħu;

Ikkunsidrat:

Illi kif sewwa l-ewwel Onorabbili Qorti l-azzjoni esperita mill-attur hija dik ikkontemplata mill-artikolu 534 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), ċjoè l-azzjoni possessorja tal-manutenzjoni. Kif kienet qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Frar, 1959 in re Grace Agius vs Angiolina Cutajar (Vol XLIII.I.97) sabiex din l-azzjoni tista' tirnexxi jeħtieġ li jirrikorru erba' elementi, u cioè, l-attur irid jipprova li (a) l-azzjoni tiegħu tirrigwarda oġġett immobbili jew univeralità ta' ħwejjeġ mobili, (b) li huwa jinsab fil-pussess ta' liema xorta' jkun, tal-ħaġa, (ċ) li jkun ġie mmolestat f'dan il-pussess u (d) li l-azzjoni tkun ġiet eżerċitata fi żmien sena mill-molestja. *Inoltre,* skond il-liġi, il-pussess irid ikun fis-sens tad-difinizzjoni mogħtija mill-artikolu 524 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16). Huwa għalhekk indifferenti jekk il-pussess kienx leġġittimu, jew illeġittimu, "*in buona fede*" jew "*in male fede*" u jekk ikkollux bħala oġġett id-detenzjoni tal-ħaġa korporali jew it-tgawdija ta' xi jedd, "basta li dik id-detenzjoni u dik it-tgawdija tkun "*animo domini*". Jiżdied ukoll illi kwantu għall-molestja, din tista' tikkonsisti fi kwalunkwe att ġuridiku jew fatt materjali li jikkonstitwixxi jew *jimplika* pretensjoni kuntrarja għall-pussess ta' ħaddieħor (vide ukoll Michele Azzopardi vs Giuseppe Farrugia - Vol XXVII.I.622);

Dana ġie premess, *għaliex trattandosi ta' azzjoni* possessorja, huwa impellenti li f'kawża simili ma jsirx l-iżball

li l-Qorti, il-provi, u s-sottomessjonijiet jiġu minflok indirizzatti lejn valutazzjonijiet li huma rilevanti għall-azzjoni petitorja. F'dan il-każ il-posizzjoni li temerġi mill-azzjoni hija waħda sempliċi; l-attur qed jallega li ġie turbat fil-pussess ta' aċċess jew passaġ għall-għalqa tiegħu. Isegwi għalhekk li kull ma kellu jipprova hu li verament huwa kien jipposjedi *"uti dominus"* dan l-aċċess meta ġie turbat fih u li din il-molestja ġiet kommessa fil-konfront tiegħu mill-konvenuti. Sfortunatament, konsiderazzjonijiet oħra bħal x'kienet il-kawżali taċ-ċitazzjoni fil-kawża l-oħra, li l-istess attur kien istitwixxa u sussegwentement ċeda biex jiddiriġi ruħu aħjar, huma *toto coelo* irrilevanti għaliex, kif ingħad, din hija azzjoni oħra, diversa u awtonoma, ibbazata fuq nozzjoni ta' pussess u molestja u xejn iżjed. Għalhekk kwistjonijiet ta' natura petitorja ma kellhomx jiġu mdaħħla fil-kawża sakemm ma jkunux kwistjonijiet li jinnewtralizzaw l-azzjoni u għamlet sewwa l-ewwel Onorabbli Qorti fil-kawża l-oħra kienet irrilevanti għall-fini ta' din il-kawża anki jekk il-konvenuti kienu qed jinsistu ħafna fuq din is-sottomissjoni;

L-istess jingħad fir-rigward ta' l-analisi li l-konvenuti appellanti għamlu fi prim'istanza, u qed jirrepetu f'dan l-istadju, fir-rigward ta' jekk mill-kuntratt ta' diviżjoni jirriżultax id-dritt ta' passaġġ li l-attur jgħid li għandu, għaliex għalkemm dan ċertament jista' jkun rilevanti f'każ ta' azzjoni petitorja, ma jistax ikollu rilevanza f'din il-kawża fejn dak li hu rilevanti hu biss jekk l-attur kienx jippossjedi *"uti dominus"* fiż-żmien tal-molestja. Jista' s'intendi l-passaġġ b'mera tolleranza. Però l-konvenuti deħrilhom li jistgħu jqajmu l-kwistjoni tat-tolleranza u jippretendu li mhux huma jippruvaw li dak li qed jallegaw huwa minnu, iżda li għandu ikun l-attur li jipprova li hu mhux qed jiddetjeni il-passaġġ b'mera tolleranza jew bil-buona grazzja tal-konvenuti;

Irrilevanti ukoll huma konsiderazzjonijiet oħra li fuqhom inħela ħafna żmien u ċjoè jekk il-passaġġ illum hux prattikabbli u jekk l-attur għandhux band'oħra minn fejn jista' jgħaddi;

Din il-Qorti eżaminat l-atti kollha proċesswali u partikolarment l-ammont kbir ta' provi li jinġabru tul it-tnax il-sena li din il-kawża damet biex inqatgħet fi prim'istanza u hija tal-ferma opinjoni li jirriżulta mingħajr l-iċken ombra ta' dubbju li għal żmien twil ta' snin, l-attur appellat kien jagħmel użu minn dan il-passaġġ li fih ġie turbat mill-konvenuti appellanti, bil-miftuħ u bil-konoxxenza u għal żmien twil bla ebda kontestazzjoni da parti tal-konvenuti u l-awtur tagħhom. Il-provi li ġabu l-konvenuti fir-rigward ta' kif suppost saret il-qasma u xi drittijiet ta' passaġġ ġew ikkrejati bil-kuntratt ta' diviżjoni ma jippruvawx li l-pussess ta' l-aċċess mill-attur kien wieħed prekarju jew li kien b'mera tolleranza. F'dan ir-rigward jiġi osservat li dak li jgħid l-artikolu 534 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16) huwa ċar biżżejjed u cjoè li jekk qed issir allegazzjoni li l-attur dan il-passaġġ ħadu b'idejh mingħand il-konvenuti bi vjolenza jew bil-moħbi, jew li dak il-pussess l-attur kisbu mingħand il-konvenuti b'*titolu prekarju*, il-*prova ta'* dan kollu, jew liema minnu, kellha issir minn min qed jallega dan jew dawn id-difett/i fil-pussess ta' l-attur, f'dan il-każ il-konvuti, li però, fil-fehma indubitata ta' din il-Qorti, għalkemm allegaw it-tolleranza baqgħu ma ppruvawx li f'xi żmien huma taw, jew l-attur akkwista mingħandhom, il-passaġġ bil-bona grazzja tagħhom jew li l-attur klandestinament jew bi vjolenza akkapparra dan l-aċċess. Mill-banda l-oħra l-attur fil-fehma ta' din il-Qorti pprova l-elementi kollha neċessarji biex tirnexxi l-azzjoni intentata minnu *li kif ingħad hija waħda purament possessorja u prevista u intiża* mhux biex tistabbilixxi dritijiet reali iżda biex tittutela manutenzjoni tal-pussess;

F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk, l-appell qed jiġi respint u s-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata bl-ispejjeż ta' din l-istanza u kariku ta' l-appellanti. Iż-żmien mogħti mill-ewwel Qorti għar-rientegrazzjoni fil-pussess jibda mil-lum. —.